A.L. 50 tal-2024

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA
(KAP. 463)

Regolamenti tal-2024 dwar l-Għotja dwar Riċerka ta' Esplorazzjoni (2024)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriza ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar l-Għotja dwar Riċerka ta' Esplorazzjoni (2024).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

Kap. 463.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impriża kbira" tfisser kwalunkwe impriża li ma tikkwalifikax bħala impriża żgħira jew impriża ta' daqs medju;

"impriża ta' daqs medju" u "impriża żgħira" għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom mill-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta kif mwaqqfa skont l-artikolu 7 tal-Att;

"Linji Gwida" tfisser il-Linji Gwida kif jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni, minn żmien għal żmien, skont l-Att, li jistabbilixxu l-parametri tal-implimentazzjoni tal-għajnuna mogħtija bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti;

"riċerka industrijali" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 2(85) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru

651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat, minn żmien għal żmien;

"spejjeż eliġibbli" tfisser dik in-nefqa li tista' tikkwalifika għall-għajnuna skont dawn ir-regolamenti u kif għandu jiġi stabbilit ulterjorment fil-Linji Gwida;

"studju tal-vijabilità" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 2(87) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"żvilupp sperimentali" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 2(86) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien.

Għajnuna għal studji tal-vijabilità.

3. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li intrapriża teħtieġ għajnuna sabiex twettaq studju ta' vijabilità bi tħejjija għal riċerka industrijali u attivitajiet ta' żvilupp sperimentali, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi lil dik l-intrapriża b'għajnuna finanzjarja skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

Għajnuna finanzjarja.

4. Il-Korporazzjoni tista' tappoġġa impriża sabiex twettaq studju ta' vijabilità b'għotja fi flus, li ma għandhiex taqbeż il-mitt elf euro (€100,000) b'limitu massimu ta':

(a) ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż eliġibbli jekk l-impriża tkun impriża kbira;

(b) sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż eliġibbli jekk l-impriża tkun impriża ta' daqs medju;

(ċ) sebgħin fil-mija (70%) tal-ispejjeż eliġibbli jekk l-impriża tkun impriża żgħira.

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

5. (1) Il-Korporazzjoni għandha tistabbilixxi skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet fil-Linji Gwida.

(2) L-għajnuna ma għandhiex tingħata skont dawn ir-regolamenti mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2026.

(3) Il-Korporazzjoni tista' tissospendi applikazzjonijiet jekk il-baġit globali allokat f'sena speċifika għall-għajnuna skont dawn ir-

regolamenti jkun ġie allokat.

6. F'każ li tinħareġ skema ġdida, id-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun ingħatat l-għajnuna qabel il-ħruġ tal-iskema l-ġdida għandhom jibqgħu japplikaw għaliha. Dispożizzjoni tranżitorja.